

32002R1667

L 252/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.9.2002

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1667/2002

tad-19 ta' Settembru 2002

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li jirrigwarda l-arranġamenti ta' l-importazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u l-ftuħ tal-kwoti tariffarji, u li jidderogaw minn dak ir-Regolament**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 509/2002<sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1151/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli stabbiliti fil-ftehim Ewropew ma' l-Estonja<sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2002 tas-27 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwota tariffarja Komunitarja għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli stabbiliti fil-ftehim Ewropew mal-Litwanja<sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2002 tat-22 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli stabbiliti fil-ftehim Ewropew mal-Latvja<sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1408/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għal aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli stabbiliti fil-ftehim Ewropew ma' l-Ungerija<sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001<sup>(7)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1165/2002<sup>(8)</sup>, jistabbilixxi, *inter alia*, regoli dettaljati biex jiġu applikati għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib l-arranġamenti għall-importazzjoni stabbiliti fil-ftehim Ewropew bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa

ċentrali u tal-Lvant. Għandu jiġi emendat sabiex jiġu implimentati l-konċessjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1151/2002, (KE) Nru 1361/2002, (KE) Nru 1362/2002 u (KE) Nru 1408/2002.

- (2) Il-kwoti l-ġodda għandhom jinfetħu fl-1 ta' Ottubru 2002 u l-kwoti eżistenti jinfetħu mill-ġdid jekk il-kwantitajiet li jirriżultaw mill-kwoti l-ġodda jeċċedu l-kwantitajiet miftuħa f'Lulju 2002. Minħabba li l-kwoti ta' importazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 normalment jinfetħu fl-1 ta' Lulju, għandu jsir provvediment għal deroga mill-Artikoli 6, 12 u 14 ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ċerti kwoti ġodda jinvolvu kwantitajiet limitati li jagħmlu inapplicabbli l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001. Din id-disposizzjoni għandha għalhekk tiġi aġġustata.
- (4) Il-ħlas għall-darb'oħra tad-dazji ta' l-importazzjoni fuq il-prodotti elenkati fil-partijiet 8 u 9 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) 2535/2001 kif kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mportati taħt liċenzi użati mill-1 ta' Lulju 2000 jaqa' taħt l-iskop ta' l-Artikoli 878 sa 898 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>(9)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 444/2002<sup>(10)</sup>.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għal Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 qed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 5(b) qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(b) il-kwoti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 2290/2000, (KE) Nru 2433/2000, (KE) Nru 2434/2000, (KE) Nru 2435/2000, (KE) Nru 2475/2000, (KE) Nru 2851/2000, (KE) Nru 1151/2002, (KE) Nru 1361/2002, (KE) Nru 1362/2002 u (KE) Nru 1408/2002;”

<sup>(1)</sup> ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 79, tat-22.3.2002, p. 15.

<sup>(3)</sup> ĠU L 170, tad-29.6.2002, p. 15.

<sup>(4)</sup> ĠU L 198, tas-27.7.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 198, tas-27.7.2002, p. 13.

<sup>(6)</sup> ĠU L 205, tat-2.8.2002, p. 9.

<sup>(7)</sup> ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 29.

<sup>(8)</sup> ĠU L 170, tad-29.6.2002, p. 49.

<sup>(9)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

<sup>(10)</sup> ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 11.

2. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2) qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-applikazzjonijiet għall-liċenzji m'għandhomx ikunu għal iżjed minn 10 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota għall-perjodu ta' sitt xhur kif imsemmi fl-Artikolu 6, u għandhom ikunu għal mhux anqas minn 10 tunellati metriċi."

3. Il-punti 4, 7, 8 u 9 tat-Taqsima B ta' l-Anness I għandhom jiġu mibdula bit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

1. Minkejja l-Artikolu 6 u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2002 l-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni jistgħu jintbagħtu mill-1 sa l-10 ta' Ottubru 2002 għall-kwoti miftuħa fl-1 ta' Ottubru 2002 imsemmija fil-punti 4, 7, 8 u 9 tal-Parti B ta' l-Anness I ta' l-istess Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Settembru 2002.

L-applikazzjonijiet għall-liċenzji m'għandhomx ikunu għal iżjed minn 10 % tal-kwantità taħt il-kwota miftuħa fl-1 ta' Ottubru 2002, u m'għandhomx ikunu għal inqas minn 10 tunellati metriċi.

2. Minkejja l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, l-operaturi li jkunu bagħtu l-applikazzjonijiet għall-liċenzji ta' l-importazzjoni taħt waħda mill-kwoti msemmija fil-punti 4, 7, 8 u 9 tat-Taqsima B ta' l-Anness I ta' dak ir-Regolament matul il-perjodu li fih ikunu jistgħu jintbagħtu l-applikazzjonijiet ta' bejn l-1 u l-10 ta' Lulju 2002 jisgħtu jibagħtu applikazzjoni oħra għal dik il-kwota skond dan ir-Regolament.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2002.

L-Artikolu 1(3) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2002, ħlief għall-ftuħ tal-kwoti 09.4776, 09.4777 u 09.4778 fil-punt 4 tal-Parti B ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

## ANNEX I B

## 4. Prodotti li joriġinaw fl-Ungerija

Nru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ( <sup>1</sup> ) ( <sup>2</sup> )	Dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet annwali (tunellati metriċi) ta' l-1.7.2002 tat- 30.6.2003	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.7.2002 ( <sup>3</sup> )	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.10.2002	Kwantitajiet ta' l- 1.1.2003 tat- 30.6.2003	Żieda annwali mill-1.7.2003
09.4775	0401 0402		Eżenzjoni	1 300	227,5	422,5	650	130
09.4776	0403 10 11 – 0403 10 39 0403 90 11 – 0403 90 69		Eżenzjoni	50	—	25	25	10
09.4777	0404		Eżenzjoni	50	—	25	25	10
09.4778	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 20 90 0405 90 10 0405 90 90		Eżenzjoni	300	—	150	150	30
09.4733	0406		Eżenzjoni	4 200	2 100	—	2 100	350

## 7. Prodotti li joriġinaw fl-Estonja

Nru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ( <sup>1</sup> ) ( <sup>2</sup> )	Dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet annwali (tunellati metriċi) ta' l-1.7.2002 tat- 30.6.2003	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.7.2002 ( <sup>3</sup> )	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.10.2002	Kwantitajiet ta' l- 1.1.2003 tat- 30.6.2003	Żieda annwali mill-1.7.2003
09.4578	0401		Eżenzjoni	800	400	—	400	150
09.4546	0402 10 19 0402 21 19		Eżenzjoni	14 000	8 000	—	6 000	0
09.4579	0403 10 11 – 0403 10 39		Eżenzjoni	800	240	160	400	240
09.4580	0403 90 59 0403 90 61 0403 90 63 0403 90 69		Eżenzjoni	1 120	560	—	560	210
09.4547	0405 10 11 0405 10 19		Eżenzjoni	4 800	2 400	—	2 400	900
09.4582	0406 10		Eżenzjoni	1 120	560	—	560	210
09.4581	0406 20 0406 30 0406 40 0406 90		Eżenzjoni	4 000	1 600	400	2 000	1 200

## 8. Prodotti li joriġinaw fil-Latvja

Nru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ( <sup>1</sup> ) ( <sup>2</sup> )	Dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet annwali (tunellati metriċi) ta' l-1.7.2002 ta- 30.6.2003	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.7.2002 ( <sup>3</sup> )	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.10.2002	Kwantitajiet ta' l- 1.1.2003 ta- 30.6.2003	Żieda annwali mill-1.7.2003
09.4872	0401		Eżenzjoni	200	—	100	100	20
09.4873	0402		Eżenzjoni	3 800	2 525	—	1 275	0
09.4874	0403 10 11 – 0403 10 39 0403 90 11 – 0403 90 69		Eżenzjoni	100		50	50	10
09.4551	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 20 90 0405 90 10 0405 90 90		Eżenzjoni	2 255	1 127,5	—	1 127,5	190
09.4552	0406		Eżenzjoni	5 000	1 800	700	2 500	500

## 9. Prodotti li joriġinaw fil-Litwanja

Nru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ( <sup>1</sup> ) ( <sup>2</sup> )	Dazju applikabbli (% ta' MFN)	Kwantitajiet annwali (tunellati metriċi) ta' l-1.7.2002 ta- 30.6.2003	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.7.2002 ( <sup>3</sup> )	Kwantitajiet miftuħa fl- 1.10.2002	Kwantitajiet mill- 1.1.2003 ta- 30.6.2003	Żieda annwali mill-1.7.2003
09.4862	0401		Eżenzjoni	3 000	—	1 500	1 500	300
09.4863	0402		Eżenzjoni	6 350	3 150	25	3 175	635
09.4864	0403 10 11 – 0403 10 39 0403 90 11 – 0403 90 69		Eżenzjoni	300		150	150	30
09.4865	0404		Eżenzjoni	2 000	—	1 000	1 000	200
09.4866	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 20 90 0405 90 10 0405 90 90		Eżenzjoni	2 100	1 050	—	1 050	210
09.4557	0406		Eżenzjoni	7 200	3 600	—	3 600	600

(<sup>1</sup>) Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura kkombinata, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jiġi meqjus li ma jkollux iżjed minn valur indikattiv, la tkun iddeterminata l-applikabilità ta' l-iskema preferenzjali, għall-iskopijiet ta' dan l-Anness, billi jġu mogħtija l-kodiċi NM. Fejn jiġi indikati l-ex kodiċi NM, l-applikabilità ta' l-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata fuq il-bażi li jittieħdu konġuntament il-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti.

(<sup>2</sup>) Din il-konċessjoni hi applikabbli biss għal prodotti li ma jibbenefikawx minn xi tipi oħra ta' sussidji għall-esportazzjoni.

(<sup>3</sup>) Kwantitajiet miftuħa fuq il-bażi ta' numri tal-kwoti fl-użu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.